# 69. Żagħżugħ ta’ Dejjem

Għalkemm dan xagħti bjad u wiċċi tkemmex
jiena ma nixjieħ qatt, għaliex tal-ġemgħa
jiena l-poeta b’qalb dejjem żagħżugħa,
ġwenħajja għadhom jilħqu l-ogħla sema.

Jien ngħanni x-xogħol, il-ġieħ, l-imħabba, t-tama;
jien ngħanni l-ġmiel tad-dinja, l-ġmiel tar-ruħ;
poeta ta’ kulħadd, mingħajr mistħija
ngħanni liż-żgħażagħ, lill-irġiel, lix-xjuħ.

U meta mmut din qalbi tibqa’ ħajja,
tisbaħ kull jum fil-ħlewwa tal-għodwiet
tfesdaq in-noti fil-widnejn tal-ġemgħa
bħal flawt mistoħbi fl-ikħal tas-smewwiet.

23/11/72